

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

C 33
Volum 58
31 ta' Jannar 2015

Werrej

Informazzjoni u Avviżi

II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2015/C 33/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7220 — Chiquita Brands International/ Fyffes) (¹)	1
--------------	--	---

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2015/C 33/02	Rata tal-kambju tal-euro	2
--------------	--------------------------	---

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2015/C 33/03	Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd	3
2015/C 33/04	Lista ta' aġenzi ji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati u ċċertifikati	4

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

Il-Kummissjoni Ewropea

2015/C 33/05

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni ta' emenda skont l-Artikolu 50(2), il-punt a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI
U AĞENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata
(Il-Każ M.7220 — Chiquita Brands International/Fyffes)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2015/C 33/01)

Fit-3 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) flimkien mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fi. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqSIMA tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovd diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32014M7220. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro⁽¹⁾

It-30 ta' Jannar 2015

(2015/C 33/02)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1305	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4323
JPY	Yen Ġappuniż	133,08	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,7636
DKK	Krona Daniża	7,4440	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5568
GBP	Lira Sterlina	0,75110	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5292
SEK	Krona Żvediża	9,3612	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1246,54
CHF	Frank Żvizzera	1,0468	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	13,1028
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,0639
NOK	Krona Norveġiża	8,8335	HRK	Kuna Kroata	7,6975
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14342,10
CZK	Krona Ċeka	27,797	MYR	Ringgit Malażjan	4,1100
HUF	Forint Ungeriż	312,03	PHP	Peso Filippin	49,934
PLN	Zloty Pollakk	4,2075	RUB	Rouble Russu	79,9250
RON	Leu Rumen	4,4420	THB	Baht Tajlandiż	37,055
TRY	Lira Turka	2,7579	BRL	Real Brażiljan	3,0114
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4535	MXN	Peso Messikan	16,8382
			INR	Rupi Indjan	70,1133

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd
(2015/C 33/03)

Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd (¹), ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

Data u ħin tal-għeluq	20.12.2014
Tul ta' żmien	20.12.2014–31.12.2014
Stat Membru	Il-Ġermanja
Stokk jew Grupp ta' stokkijiet	COD/N1GL14
Speċi	Merluzz (<i>Gadus Morhua</i>)
Żona	L-iljmijiet ta' Greenland taż-żona NAFO 1 u l-iljmijiet ta' Greenland taż-żona XIV
Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd	—
Numru ta' referenza	88/TQ43

^(¹) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

Lista ta' aġenzijsi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rregistriati u iċċertifikati

(2015/C 33/04)

L-aġenzijsi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu elenkti hawn taħt ġew irregistriati jew iċċertifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenzijsi li jiggħadaw il-kreditu (ir-Regolament dwar l-Aġenzijsi ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu).

Il-lista hija ppubblikata mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament dwar l-Aġenzijsi ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu u tīġi aġġornata fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mill-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea terġa' tippubblika l-lista f'il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea fi żmien 30 jum minn kwalunkwe aġġornament. Għalhekk, jista' jkun hemm differenzi bejn il-lista ppubblikata mill-ESMA u l-lista disponibbli fil-Ġurnal Ufficijali matul dan il-perjodu.

CRAs irregistriati jew iċċertifikati

Data tal-aħħar aġġornament: 12 ta' Diċembru 2014

Isem tas-CRA	Pajjiż ta' residenza	Status	Data effettiva
Euler Hermes Rating GmbH	Il-Ġermanja	Irregestrata	16 ta' Novembru 2010
Japan Credit Rating Agency Ltd	Il-Ġappun	Iċċertifikata	fis-6 ta' Jannar 2011
Feri EuroRating Services AG	Il-Ġermanja	Irregestrata	fl-14 ta' April 2011
BCRA-Credit Rating Agency AD	Il-Bulgarija	Irregestrata	fis-6 ta' April 2011
Creditreform Rating AG	Il-Ġermanja	Irregestrata	fit-18 ta' Mejju 2011
Scope Ratings AG (qabel PSR Rating GmbH)	Il-Ġermanja	Irregestrata	fl-24 ta' Mejju 2011
ICAP Group SA	Il-Greċċa	Irregestrata	fis-7 ta' Lulju 2011
GBB-Rating Gesellschaft für Bonitätsbeurteilung GmbH	Il-Ġermanja	Irregestrata	fit-28 ta' Lulju 2011
ASSEKURATA Assekuranz Rating-Agentur GmbH	Il-Ġermanja	Irregestrata	fit-18 ta' Awwissu 2011
ARC Ratings, S.A. (qabel Companhia Portuguesa de Rating, S.A.)	Il-Portugall	Irregestrata	fis-26 ta' Awwissu 2011
AM Best Europe-Rating Services Ltd. (AMBERS)	Ir-Renju Unit	Irregestrata	fit-8 ta' Settembru 2011
DBRS Ratings Limited	Ir-Renju Unit	Irregestrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Fitch France S.A.S.	Franza	Irregestrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Fitch Deutschland GmbH	Il-Ġermanja	Irregestrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Fitch Italia S.p.A.	L-Italja	Irregestrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Fitch Polska S.A.	Il-Polonja	Irregestrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Fitch Ratings España S.A.U.	Spanja	Irregestrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Fitch Ratings Limited	Ir-Renju Unit	Irregestrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Fitch Ratings CIS Limited	Ir-Renju Unit	Irregestrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Moody's Investors Service Cyprus Ltd	Ċipru	Irregestrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Moody's France S.A.S.	Franza	Irregestrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Moody's Deutschland GmbH	Il-Ġermanja	Irregestrata	fil-31 ta' Ottubru 2011

Isem tas-CRA	Pajjiż ta' residenza	Status	Data effettiva
Moody's Italia S.r.l.	L-Italja	Irreġistrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Moody's Investors Service España S.A.	Spanja	Irreġistrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Moody's Investors Service Ltd	Ir-Renju Unit	Irreġistrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Standard & Poor's Credit Market Services France S.A.S.	Franza	Irreġistrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Standard & Poor's Credit Market Services Italy S.r.l.	L-Italja	Irreġistrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
Standard & Poor's Credit Market Services Europe Limited	Ir-Renju Unit	Irreġistrata	fil-31 ta' Ottubru 2011
CRIF S.p.A.	L-Italja	Irreġistrata	fit-22 ta' Diċembru 2011
Capital Intelligence (Cyprus) Ltd	Ċipru	Irreġistrata	fit-8 ta' Mejju 2012
European Rating Agency, a.s.	Is-Slovakkja	Irreġistrata	fit-30 ta' Lulju 2012
Axesor SA	Spanja	Irreġistrata	fl-1 ta' Ottubru 2012
CERVED Rating Agency S.p.A. (qabel CERVED Group S.p.A.)	L-Italja	Irreġistrata	fl-20 ta' Diċembru 2012
Kroll Bond Rating Agency	L-Istati Uniti tal-Amerika	Iċċertifikata	fl-20 ta' Marzu 2013
The Economist Intelligence Unit Ltd	Ir-Renju Unit	Irreġistrata	fit-3 ta' Ġunju 2013
Dagong Europe Credit Rating Srl (Dagong Europe)	L-Italja	Irreġistrata	fit-13 ta' Ġunju 2013
Spread Research	Franza	Irreġistrata	fl-1 ta' Lulju 2013
EuroRating Sp. z o.o.	Il-Polonja	Irreġistrata	fis-7 ta' Mejju 2014
HR Ratings de México, S.A. de C.V. (HR Ratings)	Il-Messiku	Iċċertifikata	fis-7 ta' Novembru 2014
Moody's Investors Service EMEA Ltd	Ir-Renju Unit	Irreġistrata	fl-24 ta' Novembru 2014
Egan-Jones Ratings Co. (EJR)	L-Istati Uniti tal-Amerika	Iċċertifikata	fit-12 ta' Diċembru 2014

V

(Avviżi)

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni ta' emenda skont l-Artikolu 50(2), il-punt a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2015/C 33/05)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 51 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹).

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA FL-ISPEċIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT TA' DESIGNAZZJONI TA' ORIĠINI PROTETTA/INDIKAZZJONI ĜEOPRAFIKA PROTETTA LI MHIX MINURI

**APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA SKONT L-EWWEL SUBPARAGRAFU
TAL-ARTIKOLU 53(2) TAR-REGOLAMENT (UE) NRU 1151/2012**

“CILIEGIA DI VIGNOLA”**Nru UE: IT-IĠP-0105-01246 – 23.7.2014****DPO () IĠP (X)****1. Grupp li japplika u interessa leġittimu**

Consorzio di tutela della Ciliegia di Vignola IGP

Tel. +39 059773645

e-mail: consorziodelaciliegia@legalmail.it

Indirizz: Via dell'agricoltura 354

41058 Vignola (Modena)

L-ITALJA

2. Stat Membru jew Pajjiż terz

L-Italja

3. Intestatura tal-ispeċifikazzjoni affettwata mill-emenda

- Isem il-prodott
- Deskrizzjoni tal-prodott
- Żona ġeografika
- Prova tal-oriġini
- Metodu ta' produzzjoni
- Rabta
- Tikkettar
- Oħrajn [Ippakkjar]

(¹) ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

4. Tip ta' emenda

- Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP reġistrata li mhix minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.
- Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP reġistrata li għaliha ma ġiex ippubblikat Dokument Uniku (jew l-ekwuvalenti), li mhix minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

5. Emenda (emendi)

Deskrizzjoni tal-prodott

- Twessigħ tal-medda ta' varietajiet: il-lista tal-varjetajiet aċċettati ġiet aġġornata biex tinkludi varjetajiet ġodda li s'issa kienu esklużi mill-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Il-varjetajiet ġodda joffru karatteristiċi marbuta mal-produzzjoni kif ukoll mal-kwalitā (konservabilità, konsistenza, dija u daqs) li huma tal-istess livell jew oħħla minn dak tal-varjetajiet digħi inklużi fl-ispeċifikazzjoni tal-produzzjoni. Bis-saħħa taż-żieda ta' dawn il-varjetajiet il-perjodu ta' ħsad u ta' kummerċjalizzazzjoni taċ-ċirasa ġie estiż, u b'hekk iċ-“Ciliegia di Vignola” IĠP tibqa' fis-swieq matul il-perjodu kollu tal-ħsasd.

Il-varjetajiet addizzjonali huma kif ġej:

- Bikrin: Early Bigi u Lory, Burlat;
- Medji: Celeste, Giant Red - Primegiant, Carmen, Grace Star, Santina, Vera, Cristalina, New Star, Black Star, Kanada Giant;
- Mwaħħrin: Regina, Summer Charm (Staccato).

Barra minn hekk, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-produtturi fil-gejjjeni għal dik li hija l-introduzzjoni ta' varjetajiet ġodda miksuba permezz tar-riċerka xjentifika, u sabiex ikun żgurat li l-karatteristiċi oriġinali taċ-ċirasa “Ciliegia di Vignola” jibqgħu ppreżervati, fl-Artikolu 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott saret iż-żieda tal-paragrafu li ġej:

“Għall-produzzjoni taċ-‘Ciliegia di Vignola’, huwa permess l-użu ta’ kultivar oħrajn ta’ ċirasa miksuba bis-saħħa tar-riċerka dwar il-varjetajiet kemm-il darba jiġi ppruvat permezz ta’ evidenza sperimentalu u dokumentarja li l-metodu ta’ produzzjoni u l-karatteristiċi kwalitattivi tas-siġra tal-frott huma konsistenti ma’ din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott. L-użu ta’ dawn il-kultivar għall-produzzjoni taċ-‘Ciliegia di Vignola’ irid jiġi notifikat bil-quddiem u jiġi evalwat mill-Ministeru għall-Politika Alimentari u tal-Forestrija, li għal dan il-fini jista’ jitlob il-parir tekniku tal-korp ta’ spezzjoni jew ta’ xi korp ieħor”.

- Valur ta’ aċidità: tneħħha l-valur massimu ta’ aċidità tal-frott peress li t-testijiet imwettqa matul l-istaġġun urew li dan il-valur jista’ jvarja b’mod konsiderevoli skont fatturi li mhumiex marbuta mal-kwalitā tal-frott, bħal pereżempju l-mod ta’ kif jiġi ppreżervat. Għaldaqstant inbidel il-valur ta’ aċidità ta’ qabel li kien bejn ħames (5) u għaxar (10) g/l ta’ aċidu maliku u issa sar valur minimu ta’ mhux anqas minn ħames (5) g/l ta’ aċidu maliku.
- Deskrizzjoni tad-daqṣsijiet minimi għall-varjetajiet introdotti: bħala riżultat tal-estensjoni tal-medda tal-varjetajiet, ġew inklużi l-varjetajiet hawn fuq imsemmija fil-kategoriji ta’ daqs minimu rilevanti (20 mm, 21 mm, 22 mm).

Metodu ta’ produzzjoni

- Metodu ta’ koltivazzjoni u densità tal-pjanti għal kull ettaru: żidied metodu ġdid bil-koltivazzjoni tas-siġar madwar magħżel. Ġiet permessa densità ta’ 2 000 pjanta kull ettaru. Bis-saħħa ta’ metodi ta’ koltivazzjoni aktar moderni u l-introduzzjoni ta’ varjetajiet ta’ speċi intiżi biex jikkontrollaw l-għoli tas-siġar, it-tkabbir jista’ jsir b’densitajiet oħħla minn dawk tal-metodi tradizzjonal li jirriżulta fużu aktar razzjonali tal-ħamrija.

Tikkettar

- Indikazzjoni tar-reġjun ta’ oriġini: ġie emendat l-Artikolu 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott sabiex il-kelmiet “Emilia Romagna” jistgħu jidhru fuq il-pakkett. It-talba għal din l-emenda ġejja min-naħa ta’ grupp ta’ produtturi li jixtiequ jinfurmaw il-konsumaturi dwar fliema reġjun tinsab iż-żona ta’ produzzjoni taċ-“Ciliegia di Vignola”, sabiex ikun aktar faċċi għalihom jidendifikaw iż-żona ġeografika preċiża.

- Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-produttur: ġiet introdotta l-possibbiltà li l-produttur jiġi identifikat mill-pakkett permezz ta' kodiċi ta' identifikazzjoni assenjat mill-korp ta' spezzjoni. Bis-saħħa ta' din l-emenda huwa aktar faċċi għall-operaturi li, matul il-perjodu qasir ta' kummerċjalizzazzjoni taċ-ċirasa, jkollhom jimmaniġġjaw bosta pakketi ta' prodotti li jiġu minn ħafna produtturi. Dan il-kodiċi li jiġi assenjat mill-korp ta' spezzjoni se jħaffef il-proċeduri ta' kummerċjalizzazzjoni filwaqt li jiggarrantixxi t-traċċabilità sħiħa tal-prodott.

Ippakkjar

- Semplifikazzjoni fid-deskrizzjoni tal-format tal-pakketti: Biex jintlaħqu l-bosta htigġijiet tas-suq u tal-konsumaturi għal dawk li huma daqsijiet tal-pakketti, tneħħiet l-indikazzjoni tal-formati individwali permessi u minnflokkha hemm deskrizzjoni iktar fil-qosor tal-materjali ta' ppakkjar u l-piż minimu (250 g) u massimu (6 kg) tal-pakkett. Il-proċeduri ta' ppakkjar, il-piż u l-materjali differenti tal-pakketti jridu xorta waħda jkunu tali li jiżguraw li l-frott iżomm il-karatteristiċi tiegħu u ma ssirlux ħsara.

B'mod spċificu, il-paragrafu:

“Iċ-‘Ciliegia di Vignola’ IĠP titqiegħed fis-suq fl-imballaġġi li ġejjin li huma ssiġġillati b’tali mod li l-pakkett ma jkunx jista’ jerġa’ jintuża wara li jinfetaħ:

- kaxxi tal-injam, tal-kartun jew tal-plastik tal-5 kg, maqsumin f'żewġ partijiet b'diviżorji tal-kartonċin mqieħda perpendikolarment mal-itwal naħħa tal-kaxxa.
- kaxxi tal-kartun, tal-injam jew tal-plastik 40 × 60 li fihom joqgħodu 10/12-il tilar għal ammont totali ta’ 5 jew 6 kg.
- kaxxi tal-kartun, tal-injam jew tal-plastik 30 × 40 li fihom joqgħodu 6 tilari ta’ 500 g għal ammont totali ta’ 3 kg.
- pakketti tal-kartun ta’ 1 200, 2 000 u 2 500 g.
- pakketti f'boroż tal-plastik polimeriku li tħaddi l-arja minnu ta’ 250, 500 g jew 1 kg. 1.”

Issa hemm dan il-kliem:

“Iċ-‘Ciliegia di Vignola’ IĠP titqiegħed fis-suq f'pakketti li huma ssiġġillati b’tali mod li ma jkunux jistgħu jerġi għiġi jidher wara li jinfetħu.

Dawn il-pakketti jridu jkunu tal-injam, kartun, plastika, jew tertuqa polimerika li tħaddi l-arja minnha, ta’ piżi li jvarja bejn minimu ta’ 250 gr sa mhux aktar minn kg. 6. L-ippakkjar isir b'mod li jiġu żgurati kundizzjonijiet xierqa biex jinżammu l-karatteristiċi tal-frott u ma ssirlux ħsara.”

- Bejgħ tal-prodott ippakkjat lill-konsumatur f'porzjonijiet żgħar: ġiet introdotta l-possibbiltà li l-prodott jinbiegħ lill-konsumatur finali f'porzjonijiet żgħar minn pakketti jew kaxxi ssiġġillati, kemm-il darba l-prodott jitqiegħ fkompartimenti jew kontenituri spċċiċi li b'mod li jidher ikun hemm fuqhom l-istess informazzjoni meħtieġa għall-ippakkjar imsemmi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Bis-saħħa ta’ din l-emenda l-operaturi jkunu jistgħu jibieħu l-prodott - f'pakketti jew kaxxi ssiġġillati - fil-kwantità mixtieqa mill-konsumatur u l-konsumatur ikollu dejjem il-garanzija ta’ informazzjoni korretta huwa u jixtri l-prodott.

DOKUMENT UNIKU

“CILIEGIA DI VIGNOLA”

Nru UE: IT-IGP-0105-01246 – 23.7.2014

DPO () IĠP (X)

1. Isem

“Ciliegia di Vignola”

2. Stat Membru jew Pajjiż terz

L-Italja

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. Tip ta' prodott

Klassi 1.6 – Frott, ħaxix u ċereali friski u pproċessati

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li jaapplika għalih l-isem fl-punt 1

Fil-produzzjoni ta' "Ciliegia di Vignola" jintuża l-frott tal-varjetajiet li ġejjin:

- Bikrin: Early Bigi u Lory, Bigarreau Moreau u Burlat, Mora di Vignola;
- Medji: Celeste, Giant Red - Primegiant, Carmen, Grace Star, Santina, Vera, Cristalina, Durone dell'Anella, Anellone, Giorgia, Durone Nero I, Samba, New Star, Black Star, Kanada Giant, Van;
- Mwahħrin: Durone Nero II, Durone della Marca, Lapins, Ferrovia, Sweet Heart, Regina, Summer Charm (Staccato);

"Għall-produzzjoni taċ-Ċiliegia di Vignola", huwa permess l-użu ta' kultivar oħrajn ta' ċirasa miksuba bis-saħħa tar-riċerka dwar il-varjetajiet kemm-il darba jiġi ppruvat permezz ta' evidenza sperimentalista u dokumentarja li l-metodu ta' produzzjoni u l-karatteristiki kwalitattivi tas-siġra tal-frott huma konsistenti ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott. L-użu ta' dawn il-kultivar għall-produzzjoni taċ-Ċiliegia di Vignola irid jiġi notifikat bil-quddiem u jiġi evalwat mill-Ministeru għall-Politika Agrikola, Alimentari u tal-Forestrija, li għal dan il-fini jista' jitlob il-parir tekniku tal-korp ta' spezzjoni jew ta' xi korp ieħor".

Iċ-Ċiliegia di Vignola irid jkollha l-karatteristiki kwalitattivi li ġejjin:

- polpa konsistenti u li tqarreċċi ħlief għall-Mora di Vignola,
- Qoxra dejjem tleqq li għat-tip "Durone della Marca" għandha tkun ta' kulur isfar u aħmar brillanti, u għat-tipi l-oħra ta' kulur aħmar brillanti li jvarja għal aħmar skur;
- togħma ġelwa u bnina,
- il-gradi Brix ma jridux ikunu inqas minn 10° għall-varjetajiet bikrin u 12° għat-tipi l-oħra kollha,
- aċidità mhux inqas minn 5 g/l ta' aċidu maliku.
- Id-daqsijiet minimi tal-varjetajiet huma kif ġej:

20 mm: Mora di Vignola;

21 mm: Durone dell'Anella, Giorgia, Durone Nero II, Durone della Marca, Sweet Heart;

22 mm: Bigarreau Moreau u Burlat, Lapins, Van, Early Bigi u Lory, Celeste, Giant Red - Primegiant, Carmen, Grace Star, Santina, Vera, Cristalina, New Star, Black Star, Kanada Giant, Regina, Summer Charm (Staccato);

23 mm: Durone Nero I, Anellone, Samba, Ferrovia.

Meta l-frott jitlesta għall-konsum irid ikun:

- sħiħ, mingħajr ħsara,
- bil-friegħi;
- nadif, mingħajr materjal barrani viżibbli,
- sħiħ, mingħajr tħassir u residwi viżibbli ta' pestiċidi;
- mingħajr parassiti.

3.3. Għalf għall-animali (għal dawk il-prodotti ta' oriġini mill-animali biss) u materja prima (għal dawk il-prodotti pproċessati biss)

—

3.4. Passi speċifiki fil-produzzjoni li għandhom iseħħu fīż-żona ġeografika ddefinita

Il-fażċijiet kollha tal-produzzjoni taċ-Ċiliegia di Vignola sal-ħasad tal-prodott iridu jseħħu eskużivament fl-ambitu taż-żona ġeografika identifikata fil-punt 4.

3.5. Regolamenti speċifiċi applikabbi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ. tal-prodott li għalih tirreferi id-denominazzjoni reġistrata

Iċ-“Ciliegia di Vignola” IĠP titqiegħed fis-suq fpakketti li huma ssiġġillati b’tali mod li ma jkunux jistgħu jerġgħu jintużaw wara li jinfetħu.

Dawn il-pakketti jridu jkunu tal-injam, kartun, plastika, jew tertuqa polimerika li tgħaddi l-arja minnha, ta’ piżi li jvarja bejn minimu ta’ 250 gr sa mhux aktar minn kg. 6. L-ippakkjar isir b’mod li jiġu żgurati kundizzjonijiet xierqa biex jinżammu l-karatteristiċi tal-frott u ma ssirlux ħsara.

ġiet introdotta l-possibbiltà li l-prodott jinbiegħ lill-konsumatur finali fporzjonijiet żgħar minn pakketti jew kaxxi ssiġġillati, kemm-il darba l-prodott jitqiegħed fkompartimenti jew kontenituri speċifiċi li b’mod li jidher ikun hemm fuqhom l-istess informazzjoni meħtieġa għall-ippakkjar imsemmi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Il-kontenut ta’ kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun fih biss ċirasa tal-istess kwalità u varjetà; huma previsti l-qisien li ġejjin:

- minn 20 sa 24 mm;
- minn 20 sa 28 mm;
- iktar minn 28 mm.

Iċ-“Ciliegia di Vignola” titlesta għall-ippakkjar u tiġi ppakkjata eż-żarr wara l-ħsad, direttament fl-ażjenda jew fil-kooperattivi fiż-żona tal-produzzjoni. Hekk il-prodott Jasal fis-suq u għand il-konsumatur f’qasir żmien u mingħajr manipulazzjoni żejda li jħassru l-frott u konsegwentement inaqqsu l-kummerċċabbiltà tal-prodott.

L-ipproċċessar taċ-“Ciliegia di Vignola”, jiġifieri t-tħejjija xierqa tal-prodott għall-imballaġġ u t-tqegħid fil-pakketti, irid iseħħi fiż-żona tal-oriġini bħala garanzija tal-karatteristiċi tal-kwalità tal-frott, inkluż kemm huwa frisk u sħiħ, u biex ma tinqasamx jew titħassar il-qoxra, biex tiġi evitata kull manipulazzjoni u trasportazzjoni żejda li jħassru l-frott u konsegwentement inaqqsu l-kummerċċabbiltà tal-prodott.

Il-prodott jista’ jiġi maħżun fil-kesħa, kemm-il darba t-temperatura ma tinżiżx taħt 0,5 °C u l-umdità relativa ma tkunx oħla minn 90%; biex iċ-“Cilegia di Vignola” tibqa’ friska, il-perjodu massimu ta’ ħażna mkessħa tal-frott huwa ta’ erba’ ġimħat.

3.6. Regoli speċifiċi applikabbi għat-tikkettar tal-prodott li għalih tagħmel referenza din id-denominazzjoni reġistrata

Il-logo taċ-“Ciliegia di Vignola” IĠP huwa dan li ġej:



Dan irid jitwaħħal fuq il-pakketti għall-bejgħ u b’mod obbligatorju jrid ikollu miegħu s-simbolu grafiku tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta tal-Unjoni.

Il-qisien tal-logo jistgħu jvarjaw skont id-daqs tal-pakkett, sakemm jibqħu proporzjonati l-qisien standard.

Il-kelmi “Emilia Romagna” jistgħu jidhru fuq il-pakkett.

Dan li ġej irid jidher ukoll:

L-isem tal-produttur, l-isem kummerċjali, l-indirizz u/jew il-kodiċi ta’ identifikazzjoni uniku assenjat mill-korp tal-kontroll; L-isem tal-imballatur, l-isem kummerċjali u l-indirizz.

4. Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Iż-żona ta’ produzzjoni taċ-“Ciliegia di Vignola” tikkonsisti minn strippa ta’ għoljet sekondarji li jvarjaw minn 30 sa 950 metru 1 fuq mill-livell tal-baħar tul ix-xmara Panaro u mogħdijiet iż-ġgħadha u tħalli t-tal-terri torji li ġejjin tal-muniċipalitajiet tal-Provinċji ta’ Modena u Bologna:

Il-provinċja ta' Modena: Castelfranco Emilia, Castelnuovo Rangone, Castelvetro di Modena, Guiglia, Lama Mocogno, Marano sul Panaro, Modena, Montese, Pavullo nel Frignano, San Cesario sul Panaro, Savignano sul Panaro, Serramazzoni, Spilamberto, Vignola, u Zocca.

Il-provinċja ta' Bologna: Bazzano, Casalecchio di Reno, Castel d'Aiano, Castello di Serravalle, Crespellano, Gaggio Montano, Marzabotto, Monte S. Pietro, Monteviglio, Sasso Marconi, Savigno, Vergato, u Zola Predosa.

5. Rabta maż-żona ġeografika

Iż-żona ta' produzzjoni hija kkaratterizzata mill-gholjet tul ix-xmara Panaro u mogħdijiet żgħar oħrajn tal-ilma, li jissurmaw strippa ta' art fejn il-klima flimkien mal-kundizzjonijiet tal-ħamrija partikolari huma favorevoli ħafna għall-kultivazzjoni taċ-ċirasa. Il-klima hija friska u ffit li xejn kontinentali fejn fir-rebbiegħha tinżel ħafna xita u fis-sajf rari jkun hemm in-nixfa. Ir-radjazzjoni tax-xemx mhix għolja ħafna.

Il-ħamrija, li hija ta' oriġini alluvjonali għandha tendenza li tkun maħlula, poruża u friska, u hija partikolarmen fertili minħabba l-ħamla li ġiet depożitata fil-perjodi tal-għargħar mix-xmara Panaro u mogħdijiet żgħar oħra tal-ilma.

Il-medda tal-kultivazzjoni taċ-ċirasa tinsab minn 30 metru sa 950 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar. Iċ-ċirasa ma tiġix ikkultivata barra minn din iż-żona ġeografika definita; fil-fatt fiż-żoni biswit, il-kultivazzjoni ġiet abbandunata żmien ilu, minħabba l-fatt li l-produzzjoni u l-kwalità tal-prodott jirriżultaw fi frotta li hija definittivament inferjuri meta mqabbla mal-prodott li ġej minn ġewwa ż-żona definita, tant li l-kultivazzjoni ma trendix ekonomikament. Apparti mill-partikolaritajiet tal-ħamrija tat-territorju u l-ispecifikk tal-mikroklima deskritta hawn fuq, il-fatturi l-oħra li jiddeterminaw il-kwalità taċ-Ciliegia di Vignola huma l-għarfien u l-kapaċċità tal-produtturi; dawn jgħaddu mill-missier għall-iben minn ġenerazzjoni għall-oħra u jikkonsistu fit-teknika agronomika, il-ġbir u l-ippakkjar tal-prodott, li jsiru biss bl-idejn, u li jippermettu li l-konsumatur jiġi ppreżentat bi prodott li għandu karatteristiċi kummerċiali eċċelenti.

Iċ-Ċiliegie di Vignola jintgħażlu skont qisien akbar minn dawk stabbiliti fl-istandard tat-tqegħid fis-suq u jilħqu qies ta' iktar minn 28 mm. Minħabba din il-partikolarità, kif jirriżulta mill-istħarriġ u l-istudji fis-suq li jsiru minn kumpaniji tar-riċerka speċjalizzati, fis-swieq bħal ta' Turin, Milan u Hamburg il-prezz taċ-ċirasa huwa kważi dejjem ogħla meta mqabel ma' ċirasa oħra, u ħafna mill-konsumaturi jirrikonox Xu lil Vignola bħala ċirasa li ġejja minn żona tal-produzzjoni eċċelenti.

Iċ-ċirasa hija frotta li tippreferi l-frisk u ħamrija newtrali jew nieqsa mill-aċidu. Iż-żona tat-tkabbir taċ-ċirasa ta' Vignola għandha dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, u minħabba fhekk il-frotta sabet ambient ideali fejn infirxet u stabbiliet lilha mnifisha.

Il-karatteristiċi tal-ħamrija taż-żona ġeografika tal-produzzjoni ta' "Ciliegia di Vignola" jippermettu li s-siġra taċ-ċirasa tikber partikolarmen sabiħa.

Il-kwantità ta' radjazzjoni tax-xemx, li mhix għolja wisq, tinfluwenza l-intensità tal-kulur tal-frotta tal-għadma b'mod pożittiv u tistimula l-mod ta' kif tleqq b'mod naturali, u minħabba fhekk il-prodott ippreżentat fis-suq huwa estetikamente eċċelenti mingħajr il-bżonn ta' xi trattament partikolari.

Fattur ieħor importanti hija l-professjonalità tal-operaturi, b'mod partikolari l-produtturi, li sal-lum għadhom ja-plikaw il-patrimonju tal-għarfien li ġie akkumulat matul iż-żmien fit-teknika tal-produzzjoni, il-ġbir u l-ippakkjar.

Fil-fatt, filwaqt li hemm it-tendenza naturali lejn l-innovazzjoni tal-proċess ta' produzzjoni, il-ġbir, l-għażla u l-ippakkjar iseħħu rigorożament bl-idejn minn persuni esperti li minn dejjem kienu "jafu" iċ-ċirasa sew. Din il-professjonalità hija fatt kulturali li ġej direttament mit-tradizzjoni; għarfien li għadha minn ġenerazzjoni għall-oħra u li llum jippermetti li jizid, ma' prodott li huwa digħi eċċezzjoni, marka oħra ta' rikonoxximent li tiddiġġi għalli. Iċ-ċirasa li ġejja minn Vignola bħala superjuri għal kwalunkwe ċirasa oħra li ġejja minn postijiet oħrajn.

Il-produttori ilhom minn għexieren ta' snin li ddeċidew, bis-saħħa ta' impenji vinkolanti reċiproċi, li jqiegħdu għall-bejgħ biss frott li d-daqi minimu tiegħu huwa skont il-qisien definiti fil-punt 3.2, sabiex jipproteġu l-produzzjoni lokali u biex joħorġu l-ispecifikk taċ-ċirasa kkultivata u ppakkjata fiż-żona tal-oriġini.

Minbarra dan, l-għażla varjata li matul iż-żmien ġiet stabilita fiż-żona ġeografika u l-iż-żvilupp tal-kultivazzjoni falt-tiddejji varji jiżguraw perjodu estensiv fil-perjodu tal-hṣad u l-preżenza tal-prodott fis-suq matul l-istaġġun kollu tal-produzzjoni u li b'mod regolari jogħġob lill-konsumaturi u jikseb impatt tajjeb fuq il-prezzijiet.

Iċ-“Ciliegia di Vignola” hija għalhekk mingħajr dubju marbuta mat-territorju, il-partikolarità tal-ħamrija, l-eċċejżzonaliità tal-mikroklima, u l-għarfien u l-kapaċità tal-produtturi. Mhux inqas importanti wkoll huwa l-fatt li l-bdiewa taż-żona ġeografika identifikata kienu jikkonċentraw il-provvista taċ-ċirasa ġewwa Vignola, fejn sa mill-1928 diġà kien hemm is-suq tal-frott ta' Vignola (Mercato Ortofrutticolo di Vignola), wieħed mill-iktar antiki fl-Italja, li warajh tnisslu strutturi ta' pproċessar u kummerċjalizzazzjoni oħrajn. Dawn il-fatturi kollha wasslu biex il-konsumaturi i-identifikaw il-produzzjoni taż-żona mal-isem ta' Ciliegia di Vignola.

L-istabbilment fis-swieq taċ-“Ciliegia di Vignola” għalhekk ippermetta l-iżvilupp ta' inizjattivi kummerciali b'saħħit-hom, li jaġfettetwaw katina sħiħa tal-kummerċ mill-produzzjoni sat-tqegħid tal-frott fis-suq; fil-fatt fit-territorju ġew żviluppati impriżi agricolli, kooperattivi ta' pproċessar/tqegħid fis-suq, suq tal-frott b'erba' kummissarji, artiġani, produtturi tal-ippakkjar, trasportaturi u persuni li jiġbru l-frott.

L-importanza taċ-“Ciliegia di Vignola” għat-territorju li storikament jiproduċiha dehret matul is-snin f'għadd ta' fieri, festi u pubblikazzjonijiet; il-“Festa dei Ciliegi in Fiore” li tingħata ħafna importanza, seħħet l-ewwel darba f'April tal-1970 u l-festa “a Vignola, è tempo di Ciliegie”, seħħet l-ewwel darba fl-1989.

L-Assoċjazzjoni Nazzjonali “Città delle Ciliegie”, stabilita f'Għunju tal-2003, kull sena torganizza Konkors Nazzjonali “Ciliegie d'Italia” fl-okkażjoni tal-Festa Nazzjonali “Città delle Ciliegie” li kull sena tiġi ċċelebrata fl-lokaltà diffiretti; iċ-ċirasa ta' Vignola rebbet l-ewwel premju fl-2005 ġewwa Celleno (VT), fl-2006 ġewwa Orvieto (TR) u fl-2009 ġewwa Bracigliano (SA), konferma tar-reputazzjoni tal-kwalità għolja li ċ-Ciliegia di Vignola irnexxielha tikseb matul is-snini.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012)

L-amministrazzjoni preżenti nediet il-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni bil-pubblikazzjoni tal-proposta tal-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-IĠP “Ciliegia di Vignola” fil-Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana Nru 120 tas-26 ta' Mejju 2014.

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab fuq is-sit tal-Internet li ġej: <http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3335>

Jew

billi wieħed imur direttament fil-paġna ewlenija tas-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Politika Agrikola, Alimentari u tal-Forestrija (www.politicheagricole.it), jikklikkja fuq “Prodotti DOP IĠP” (fil-parti ta' fuq tal-lemin tal-iskrin) u finalment fuq “Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE”.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT